# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2020**

**Kawża Numru 23**

**Appell Numru 965/16 LM**

**Ethel Muscat, Rodiane Balzan u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2017l-isem ġie korrett għal Rodiane Robbins *sive* Balzan, Keith Balzan, John Muscat, Karl Muscat, Luke Muscat, Edward Amato u Monique Żammit**

**v.**

**Mary Mangion u Claude Muscat u b'Nota tal-15 ta' Ottubru 2018 l-intimata Mary Manġion irtirat l-appell tagħha**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment dwar rikors imressaq mill-appellant Claude Muscat fl-20 ta' Jannar, 2020[1], li bih talab li din il-Qorti tittratta l-preġudizzjali tan-nullità tal-konvenju u għalhekk in-nuqqas ta' inforzabilità tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-6 ta'

[1] Paġ. 305 tal-proċess

Lulju, 2018, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") minħabba dik li sejħilha "nullità radikali";

2. Illi dak ir-rikors tressaq fil-qafas ta' proċedura għall-finijiet tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili mnedija mill-atturi appellati, bħala komproprjetarji (flimkien mal-istess appellat u oħtu) tal-post bin-numru tlieta (3), "*Shamrock Flats*", Triq il-Palm, San Ġiljan. L-appellant u oħtu Mary Manġion kienu opponew għat-talba tal-appellati. Is-sentenza appellata laqgħet it-talbiet tal-atturi u minn dik is-sentenza appellaw kemm Claude Muscat u kif ukoll oħtu Mary Manġion, imma din irtirat l-appell tagħha xi tliet (3) xhur wara li tressaq l-appell;

3. F'dan ir-rikors, l-appellant jgħid, li minn tiftix li sar wara li ngħatat is-sentenza appellata, ħareġ li missier l-appellati Rodiane Robbins *sive* Balzan u Keith Balzan – Michael Balzan – għadu ħaj, u ladarba ismu nqabeż fl-abbozz tal-att ta' konvenju li sar dwar il-bejgħ tal-post, jiġi li dak l-abbozz ta' konvenju ma jiswiex u s-sentenza appellata, safejn mibnija fuq dak il-ftehim, ma tiswiex lanqas għaliex il-ġudizzju mhuwiex sħiħ;

4. L-appellati laqgħu għall-imsemmi rikors bi Tweġiba mressqa minnhom fis-7 ta' Frar, 2020, u li fiha qalu li ma hemm l-ebda nullità tas-sentenza appellata u ma twettaq l-ebda qerq min-naħa tagħhom lejn ir-rikorrent appellant u lanqas lejn il-Qorti, billi l-fatt li Michael Balzan ma kienx miet kien

jirriżulta minn dokumenti li tressqu fl-atti tal-kawża sa minn qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. In-nuqqas ta' tismija tal-istess Balzan ma kienx il-frott ta' ħabi, imma tat-tħaddim mhux korrett tal-liġi tas-suċċessjoni fejn kien maħsub li, ladarba martu Louise (omm l-appellati Robbins u Balzan) mietet intestata, sehemha mill-post għadda għand uliedha u mhux ukoll għand żewġha. Huma jżidu li, minkejja din iċ-ċirkostanza, n-nuqqas ta' Michael Balzan bħala parti fil-kawża ma jġibx in-nuqqas ta' siwi tas-sentenza appellata u lanqas tal-proċediment kif tmexxa, u dan il-fatt ma jxejjinx infurzabilità tagħha. Minbarra dan, jgħidu li ma hemm l-ebda att ta' konvenju u għalhekk dak li jingħad fir-rikors dwar is-siwi ta' xi konvenju ma jiswa xejn. Huma jgħidu li r-rikors tal-appellant ma huwa xejn aktar minn tentattiv ieħor biex iwaqqaf il-bejgħ tal-post;

5. Semgħet it-trattazzjoni tar-rikors waqt is-smigħ tat-18 ta' Frar, 2020, f'liema data ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment;

**Ikkonsidrat:**

6. Illi, fil-qofol tagħha, il-preġudizzjali mqajma mill-appellant fir-rikors tiegħu tirrigwarda s-siwi ta' żewġ atti fil-kawża: l-ewwel att huwa l-att ta' konvenju, u t-tieni att hija s-sentenza appellata. L-appellant jgħid li, ladarba wieħed mis-sidien komuni tal-post ma huwiex parti fil-kawża, allura kemm l-ewwel att u, b'konsegwenza, s-sentenza appellata huma milquta minn nuqqas radikali li jġibhom ma jiswewx u li jorbtu lil din il-Qorti biex tħassarhom;

7. Illi jibda biex jingħad li ma hemm l-ebda att ta' konvenju f'dan il-każ. La jissemma xi konvenju fir-rikors li bih infetħet din il-kawża, u lanqas saret xi talba għall-eżekuzzjoni ta' xi konvenju bħal dak. Il-"konvenju" li jsemmi l-appellant fir-rikors tallum kien sewwasew dokument imressaq minnu[2] stess u ma huwa xejn aktar minn dokument abbozzat li ma jidher li jġib l-ebda firma u ma rabat lill-ebda waħda mill-partijiet mal-persuni mħajrin li jiksbu l-post[3]. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti wkoll sejħitlu "abbozz tal-konvenju" u ma qisitux bħala att li jorbot b'wegħdiet reċiproċi tal-partijiet;

8. Illi ladarba dan huwa l-każ, il-Qorti ma ssibx li r-rikors tal-appellant safejn jirreferi għal xi konvenju huwa mistħoqq u ma għandha għalfejn tiddeċiedi xejn dwar xi "nullità radikali" ta' sempliċi abbozz li ma ngħatax ħajja minn min kien maħsub li jersaq fuqu;

9. Illi l-kunsiderazzjonijiet dwar is-sentenza appellata jitolbu eżami differenti. Il-preġudizzjali tal-appellant f'dan ir-rigward tieħu s-sura ta' eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tas-sentenza appellata, kif maħsub fl-artikolu 790 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak l-artikolu jfisser f'liema ċirkostanzi din il-Qorti għandha ssib li sentenza mogħtija minn qorti tal-ewwel istanza titqies milquta minn nullità;

[2] Dok "CM1", f'paġġ. 211 – 4 tal-proċess
[3] Xhieda tal-appellant f'paġ. 206 tal-proċess

10. Illi n-nullità ta' sentenza hija ċirkostanza li titlob l-eżistenza ta' raġuni serja, dwar xi kontinġenza maħsuba mil-liġi, li trid tkun ippruvata kif imiss minn min iqajjem l-eċċezzjoni tas-siwi tagħha u, fuq kollox, li trid tkun ippruvata kif imiss mill-istess eċċipjent. Minbarra dan, l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma tintlaqax jekk kemm-il darba s-sentenza appellata tkun ġusta fil-qofol tagħha u jekk kemm-il darba ma tkunx imsejsa fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni, nuqqas ta' ċitazzjoni, l-illeġittimità tal-persuna, l-ultrapetizzjoni jew l-extrapetizzjoni, jew jekk ikun fiha xi difett li jġib ħsara lill-jedd tas-smigħ xieraq tal-parti[4]. Minkejja dan, u b'ħarsien tal-prinċipju li safejn jista' jkun sentenza m'għandhiex titħassar b'mod leġġer u b'ħeffa jekk kemm-il darba tista' tkun salvata[5], l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma tintlaqax jekk jintwera li ma tirriżultax xi waħda miċ-ċirkostanzi li ssemmew qabel u jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha[6];

11. Illi jidher li l-appellant isejjes l-eċċezzjoni tiegħu fuq dak li huwa jqisu bħala nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju. Hemm dubju kemm din ir-raġuni hija waħda minn dawk maħsuba fl-artikolu msemmi. Ix-xenarju msemmi mill-appellant fir-rikors tiegħu ma jistax jinkwadra taħt l-aspett tal-illeġittimità ta' persuna bħala raġuni għat-tħassir tas-sentenza appellata, għaliex kemm hu u kemm oħtu Mary Manġion kien tħarrku sewwa mill-appellati billi kienu huma biss li ma qablux mal-bejgħ tal-post;

---

[4] Art. 790 tal-Kap 12

[5] App. Ċiv. **7.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia vs Manager Water Works Department*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.446**)

[6] App. Inf. PS **20.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Camilleri vs Emanuel Calleja***

12. Illi, madankollu, il-kwestjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju f'din il-kawża tista' ġġorr rilevanza meta wieħed iqisha fid-dawl tal-għamla ta' proċedura li biha nbdiet din il-kawża, jiġifieri azzjoni taħt l-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili;

13. Illi, b'mod ġenerali, l-eċċezzjoni li ġudizzju mhux sħiħ hija waħda li trid tiġi deċiża billi wieħed iħares biss lejn l-att li bih il-kawża tinbeda u d-data tat-tressiq tiegħu, indipendentement minn kull konsiderazzjoni oħra[7]. Eċċezzjoni ta' din il-għamla, jekk tirriżulta mistħoqqa, għandha l-effett li teħles lill-eċċipjenti milli tibqa' iżjed fil-kawża. Din l-eċċezzjoni hija mibnija fuq tliet (3) konsiderazzjonijiet: u jiġifieri (a) li għall-aħjar ġudizzju tal-Qorti, huwa xieraq li dawk kollha li għandhom interess fi kwestjoni għandhom ikunu fil-kawża; (b) li d-dħul ta' kull min għandu interess jagħmel il-ġudizzju iżjed effikaċi, għaliex min mhux fil-ġudizzju mhux marbut bih[8]; u (ċ) jnaqqas il-ħtieġa li jridu jingħataw għadd ta' sentenzi fuq l-istess każ. Minbarra dan, jibqa' dejjem ewlieni fil-konsiderazzjonijiet tal-Qrati li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju ma twassalx għan-nullità tal-proċediment jekk kemm-il darba l-kawża tkun infetħet kontra persuna li kienet leġittimu kontradittur tal-attur, imma mhix l-unika waħda, u dak il-ġudizzju jkun sostenibbli[9];

---

[7] App. Ċiv. **15.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra deDomenico et vs Żahra deDomenico*** (Kollez. Vol: **LXXVI.i.182**)
[8] Art. 237 tal-Kap 12
[9] Ara App. Ċiv. **28.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Borġ et vs F. Vassallo noe***, b'kuntrast u fil-limiti ta' App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone et vs Micallef et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1188**)

Illi b'żieda ma' dan, wieħed għandu jagħraf bejn l-integrità tal-ġudizzju u l-litiskonsorzju. Għaliex, il-litiskonsorzju – jiġifieri l-ħtieġa li kull min għandu interess fi kwestjoni jkun jagħmel parti minn kawża dwar dik l-istess kwestjoni – jkun meħtieġ fejn l-azzjoni "tkun tendenti għall-mutament ta' rapport jew stat ġuridiku wieħed"[10]. F'każ bħal dan, il-litiskonsorzju huwa meħtieġ u n-nuqqas tal-parteċipazzjoni fil-kawża ta' wħud mill-interessati, kemm bħala atturi inkella bħala mħarrkin, jista' jiġi sostitwit bil-prova ċerta tal-adeżjoni ta' dawk l-interessati għat-talba magħmula minn xi wħud minnhom, u mhux anqas minn hekk[11];

14. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, ma jidhirx li huwa meħtieġ li kull wieħed mis-sidien ta' xi ġid mertu ta' proċediment taħt l-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili jrid ikun fil-kawża. Il-liġi tagħmilha ċara li huma meħtieġa li jkunu fil-kawża u ssirilhom in-notifika tal-att promotur dak jew dawk li ma jkunux jaqblu mal-bejgħ (jew, f'każ fejn xi sidien ma jkunux f'Malta jew ma jkunux magħrufa, il-kuraturi maħtura biex jidhru għalihom)[12]. B'mod partikolari, il-liġi ma tgħidx li r-rikors għandu jitressaq mis-sidien kollha li jaqblu dwar il-bejgħ ta' xi ġid immobbli bħal dak, imma torbot dik il-proċedura ma' dak li jkunu jixtiequ s-sidien komuni, imbasta bejniethom iżommu l-maġġoranza tal-ishma f'dak il-ġid;

[10] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċiappara vs Caruana*** (Kollez. Vol: **XLV.i.13**)
[11] Ara, App. Ċiv. **3.4.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Azzopardi noe*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.233)**
[12] Art. 495A(3) tal-Kap 16

15. Illi, b'żieda ma' dan, fil-każ tallum, l-appellati qegħdin jiddikjaraw li Michael Balzan wera li huwa lest li jidher fuq kull kuntratt tal-bejgħ tal-post mertu tal-każ u jgħaddi kull sehem li hu jista' jkollu f'dak il-post lix-xerreja prospettivi;

16. Illi l-Qorti żżid tgħid li wkoll kieku kien minnu li l-atti tal-kawża sa issa ma kinux integri għaliex Michael Balzan ma huwiex sallum parti fil-kawża, dan ma jwassalx għar-riżultat li jrid l-appellant rikorrent. Huwa minnu, kif issottometta l-għaref difensur tiegħu, li f'dan l-istadju tal-kawża, Michael Balzan ma jistax aktar jissejjaħ fil-kawża. Iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti, din ir-rejaltà proċedurali la hija bla soluzzjoni u wisq anqas twassal tabilfors biex is-sentenza appellata titħassar. Dan jingħad għaliex il-liġi tagħti mezz u rimedju kif il-ġudizzju jista' jkun integru ukoll f'din l-istanza tal-appell u bla ma l-intervent iwaqqaf il-mixi 'l quddiem tal-kawża;

17. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li t-talbiet magħmulin mill-appellant fir-rikors tiegħu tal-20 ta' Jannar, 2020, ma humiex mistħoqqa;

**Decide**

18. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad** il-preġudizzjali tan-nullità tas-sentenza appellata għar-raġuni msemmija mill-appellanti fir-rikors imsemmi billi la hija mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt, **bl-ispejjeż** ta' dan l-episodju kontra l-istess appellant; u

**Tordna** li s-smigħ tal-appell jitkompla bit-trattazzjoni tiegħu fil-mertu.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | TonioMallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb